FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

15 ta' Mejju 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-tmintax-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-**tmintax (18)-il** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 15 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.**

It-Tmintax (18)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Allokazzjoni Finanzjarja 2013
10. Arblu f'nofs Triq Sant Anna
11. Twaqqif tal-Kumitat Civiku Floriana
12. Tindif u Manutenzjoni fil-latrini pubblici
13. Bye-Law dwar Uzu ta` Art Pubblika
14. Tenders Godda:
    a. Knis ta Toroq u Ftuh ta Culverts
    b. Gbir ta Bulky refuse
15. BookBox
16. Memos Interni
17. NYE + Christmas Village
18. Laqghat Pubblici Triq Triq
19. Sport Awards
20. Courses Godda
21. Gnien il-Mall
22. Assemblea Generali Furjaniza
23. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
24. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

25. Housing fil-Floriana
26. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tmintax(18)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana F.Said.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sbatax(17)-il laqgha tal-Kunsill flimkien mal-Minuti tal-Laqgha Straordinarja li nzammet nhar id-29 ta' April 2013 gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li f materja numru 2.1.7 fejn qalet li hi "kienet tal-fehma li kellha ssir miz zewg artisti" u mhux minn Luca Cauchi biss. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal din il-korrezzjoni.

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg gibet l-attenzjoni rigward materja numru 19.3 fejn ippropona li ghandha titnehha l-frazi 'la darba kien bdiehom hu' . Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

**F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Vici Sindku Matthew Paris.**

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 tal-Laqgha tal-Kunsill gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 tal-Laqgha Straordinarja gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha Straordinarja mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1. Il-Kunsillier Vincent Borg tkellem dwar materja numru 3.3 fejn qal li dawl baqa ma sarx u l-area baqghet ta' periklu. Fuq din il-materja tkellem il-Kunsillier Edward Torpiano fejn qal li hu nfurmah u ghamel ir-rapport ukoll mas-Supretendenta.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg tkellem dwar materja numru 7 3.12 fejn qal li hu kien avvicina r-resident u tkellem mieghu sabiex jara x inhi rrakomandazzjoni tieghu dwar iz-zabra tas-sigar.

2.3 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar materja numru 8 3.16 fejn informa l-Kunsill li l-laqgha ma saritx. Fuq din il-materja il-kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li wara li l-Ministru Stefan Buontempo infurmahom li ma jistax jattendi, baqghu ma ffissawx data ohra mal-ghaqdiet sportivi lokali.

2.4 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar materja numru 4.5 fejn staqsa jekk l-ittra lill-Arcipriet kinitx intbaghtet. Is-Sindku wiegeb li din intbaghtet u twigbet ukoll. Huwa spjega li fl-ittra wiegbu li l-Kunsill ghandu jindika ghal-liema hofor qed jirreferi ghax l- antarjoli ghadhom ma nqalghux. Il-Kunsillier Vince Borg wiegeb li issa nqalghu u ghalhekk ghandhom jihdu hsieb li jinghalqu dawn il-hofor. Huwa qal li ser jikkonferma dwar dan.

2.5 Il-Kunsillier tkellem dwar materja numru 4.6 fejn saqsa f' liema stadju wasal il-kaz tal-bankijiet ta' fuq il-Fosos li kienu nqaghlu. Is-segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien kellem lill-avukat tal-Kunsill rigward Proceduri Legali, war lil l-PArtit NAzzjonalista baqa ma rrispondiex.

2.6 Il-Kunsillier Vince Borg staqsa jekk kienx gie vverifikat il-kontenut f'materja numru 4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghandu jivverifika jekk hemmx bank li ma jintuzax.

2.7 Il-Kunsillier Vince Borg staqsa dwar materja numru 7.8 fejn staqsa f'liema stadju kien wasal il-kaz ta' Justin Attard. Is-sindku Nigek Holland wiegeb li kellu laqgha ma l-avukat tal-Kunsill u kelmu rigward kull kaz li l-Kunsill kellu specjalment il-kazijiet li gew preskritti u ghalhekk insista mieghu li mhuwiex tollerabbli li jerga jigri l-istess. Is-segretarju Ezekuttiv kompla billi qal li ghad jonqsu jibghat xi dettalji zghar rigward l-istess Justin Attard.

2.8 Il-Kunsillier Vince Borg staqsa dwar materja numru 11.0 rigward il-bankini jizolqu ta' Triq il-Kappuccini. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li hu kien mar mal-perita fuq il-post, fejn ikkonkludew li ghandu jsir sample fl-area sabiex jaraw x jista jsir . Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-materja qed ikompli jahdem fuqha.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa dwar materja Numru 12 Il-Vici Sindku Matthew Paris ipprezenta lill-Kunsill proposta ta' disinn ta' bollard. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bid-disinn ipprezentat. Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar dwar l-urgenza li dawn il-bollards jitwahhlu mill-haddiema tal-Kunsill.

2.10 Rigward materja numru 19.0 il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li il-flus dwar l-iskema tal-housing ghadhom mhumix disponibbli ghax il-bord tal-awtorita ghadu kemm kien assenjat.

2.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili staqsiet dwar materja numru 3.1.9 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-laqgha kienet saret filghodu fejn kien hemm prezenti l-Ministru Karmenu Vella u s-Sinjura Carina Dimech. L-Ministru fehem li trid tinstab soluzzjoni rigward it-tnehhija tal-fanali minn fuq il-Fosos ghall-MTV u ta struzzjonijiet lil Enemalta

> 2.11.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ppropona li l-Ministeru tat-Turizmu ghandu jitkellem mal-entitajiet koncernati sabiex ma jinqalax l-arblu.
>
> 2.11.2 Is-sindku Nigel Holland rrakomanda li ghandha tinstab soluzzjoni permanenti u ghadha ssir ittra fejn jinhareg l-permess minghajr pregudizzju minkejja li l-Kunsill ghadu jemmen li m'hemmx htiega li jinqalghu l-ebda fanali.
>
> 2.11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ppropona li fl-ittra ghandu jkun hemm il-kundizzjoni li l-fanali ornamentali jridu jitwahlu ezatt wara l-attivita u li l-Kunsill isostni l-argument tieghu li l-fanali m'ghandomx jinqalghu.

2.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkellmet dwar materja numru 3.8 fejn qalet li ghall-korsijiet tat-TCTC inhargu l-posters bil-logo it-tajjeb minhabba li kien hemm zball. Staqsiet lis-Segretarju Ezekuttiv jekk ghamilx il-memo rigward biex jinxtara tablet mill-Kunsill u halliet f'idejn is-Segretarju Ezekuttiv jekk dan huwiex essenzjali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill mhuwiex f'posizzjoni li jonfoq l-ispiza ta' €70 ghal dan it-tablet la mhuwiex essenzjali.

2.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkellmet dwar materja numru 7.4 fejn staqsiet jekk ic-cheque 143 inghatax. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li c-cheque kien inghata b' dikjarazzjoni.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Daniel Attard fejn qed jaghmel talba ghall-uzu tal-picc sintetiku ghall-training tal-football ghat-tfal fis-Sajf bejn il-5pm u s-6.30pm darbtejn fil-gimgha.

3.1.1 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu ma jaqbilx li l-picc il-kbir ghandu jinghalaq filghaxija u ghaldaqstant ma jaqbilx li ghandu jinghata l-permess. Huwa ppropona li ghandu jinghata permess li juza l-picc iz-zghir, li qed jintuza minn Justin Haber. Il-Kunsill qabel.

3.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li il-Kunsill ghandu johrog il-permess bil-kundizzjoni li din mhix attivita organizzata mill-Kunsill. Ghaldaqstant mhuwiex responsabbli f'kaz ta' accidenti u li l-applikant ghandu jiehu responsabbilita assoluta ta' dawn it-tfal.

3.1.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata l-permess li juza l-picc iz-zghir minghajr pregudizzju u jzomm id-dritt li jirrevoka l-permess f'kaz li jkun hemm talbiet ohra ghall-uzu tal-picc.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment dwar il-flushings tat-toilet tal-KGV li ma jahdimx.

3.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur kien infurmah li kien hemm xi angle valve maghluq u li issa infetah u qed jahdem tajjeb. Is-Sindku ppropona li dan l-ilment ghandu jghaddi ghand il-perita, ghax anke kien hemm diffikulta ohra fil-materja tal-flushings. Is-Segretarju wiegeb li rigward tal-ahhar, il-perita ikkonfermat li gew rrangati.

3.2.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni dwar kif il-Kunsill u l-amministrazzjoni qed jimxu fil-konfront tal-kumpanija KDF Ltd. Huwa qal li hu jaqbel li l-Kunsill jkun rigoluz fil-konfront tal-kuntratturi tieghu izda dan ghandu jsir ma kull kuntrattur. Huwa sostna li dan mhux qed isir ma kull kuntrattur.

3.2.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien avvicinat mill-kuntrattur fejn sostna li l-Kunsill qed jimxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tieghu.

3.2.4 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu qatt ma mexa b'mod diskriminatorju izda dejjem mexa bl-istess mod ma kull kuntrattur. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li jekk hu jigbed attenzjoni lil xi kuntrattur, dan ikun frott ta nuqqasijiet, xoghol mhux sodisfacenti, jew ilmenti minghand il-pubbliku.

3.2.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li kullhadd jaf li hu personalment dejjem uza l-istess riga ma kullhadd u ikkonferma li s-Segretarju Ezekuttiv dejjem ikkonsulta

mieghu u ghalhekk kull allegazzjoni li tista ssir ghandha tghaddi lilu.

3.2.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu mhu qed jiddefendi l-ebda kumpanija fejn sostna li fil-laqgha ta' qabel hu kien approva li l-istess kuntrattur jinghata multa fejn kien hemm hazin u ghalhekk m'ghandux jigi akkuzat li qed jiddefendi lil xi hadd partikolari.

3.2.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem fuq in-nuqqasijiet fir-rigward tal-flushings mal-perit u mal-Kuntrattur.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland propona li il-Klabb tal-Basketball jinghataw memento ghal-fatt li rebhu il-Kampjonat tal-Irgiel. Minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, is-Sindku Nigel Holland ippropona li jinghataw tazza, li ma ntuzatx fil-passat. Il-Kunsill qabel nem con.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland tkellem dwar it-tindif ta' wara ta' Gnien Vilhena. Ikkonferma li dan sar izda uhud mill-konki baqghu ma sar xejn fihom. Ghaldaqstant is-Sindku Nigel Holland ippropona li tinhareg default notice ghall-nuqqas ta xtieli fil-konki ta Gnien Vilhena, u fuq nuqqasijiet generali fit-tharis tas-soft areas. Din il-proposta kienet issekondata mill-Kunsilliier Edward Torpiano.

3.4.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju jivverifika mat-Tender dwar multi u hrug ta' default notice.

**Is-Segretarju Ezekuttiv skuza ruhu mil-laqgha**

3.4.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li kien hemm ilment prezentat fid-29 ta' April 2013 rigward culvert mizdud li sal-lum ghadu ma tnaddafx u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu azzjoni.

3.4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet ukoll l-attenzjoni li hemm culvert iehor mizdud fi Triq l-imhazen kantuniera ma Triq San Tumas.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha attenda Segretarju Ezekuttiv fejn ipprezenta it-Tender tat-Tindif ta Toroq u Culverts lis-Sindku.**

3.4.3 Wara li s-Sindku Nigel Holland ivverifika dak li hemm stipulat fit-tender, ippropona li tinhareg default notice lill-kuntrattur fuq nuqqasijiet fit-tindif tal-culverts u l-Kunsill qabel li ghandha titnaqqas il-multa ta' 5% mill-pagament tax-xahar, filwaqt li ppropona li l-kuntrattur ikun avzat li jekk ix-xoghol ma jsirx ser isir minn haddiehor u l-ispiza tinqata mill-pagament tieghu. Il-Kunsill qabel.

3.4.4 Rigward l-ilment tat-tindif u nuqqas ta xtieli tal-konki, u nuqqasijeit generali fis-soft areas is-Sindku Nigel Holland ippropona li titnaqqas multa ta' 5% mill-pagament tax-xahar skond kif stipulat fil-kuntratt tas-Soft Areas minhabba negligenza u biex josserva iktar struzzjonijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

3.4.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa miexi bl-istess procedura dwar id-default notice, li
default notice ghandha tinhareg lill-kuntratturi bi qbil mal-Kunsill.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Ezemijiet fejn qed jaghmlu talba sabiex titbaxxa l-kurduna fuq in-naha ta' wara biex isir parkegg.

3.5.1 Il-Kunsillier Vince Borg wiegeb li hu prova jikkuntatjah diversi drabi sabiex jikkonferma x-xoghlijiet li hemm involuti u x'inhi l-proposta izda ma rrispondiex.

3.5.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li f'laqghat precedenti kien hemm talba simili fejn il-Kunsill irrifjuta u ghaldaqstant isostni li l-Kunsill ghandu jimxi bl-istess mod anki f'dan il-kaz.

3.5.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkuntattjah u jara x'inhi l-proposta

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Librerija Pubblika Centrali fejn qed tistieden il-Kunsill jippartecipa f'attivita li ser torganizza fuq tliet ijiem. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni dwar l-attivita u li jippartecipa f'din l-istess fl-attivita billi jaghmel promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet tieghu.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club sabiex l-applikazzjonijiet ghall-Laqgha Generali jintlaqghu fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li meta jinghalqu l-applikazzjonijiet, ikun hemm prezenti rapprezentant tal-Basketball Club. Il-Kunsill approva.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Maritime Squadron fejn talbu li jaghmlu uzu tal-picc sintetiku bla hlas. Il-Kunsill m'approvax it-talba minhabba li l-procedura tal-Kunsill hi li l-entitajiet mhux lokali jkunu bi hlas.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni li meta jsiru laqghat approvati mill-Kunsill, il-Kunsilliera ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex il-promozzjoni tal-laqghat isiru mill-Kunsill fuq is-sit ufficjali tal-Kunsill u anki fuq in-Noticeboards.

3.9.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li f'din il-Laqgha mat-TM u l-Arriva sabiex ikun hemm Bus Stop fi Triq San Frangisk. Minn din il-laqgha irrizulta li hemm il-probabilita ta' qbil sabiex issir din il-bus stop fi Triq il-Kappuccini.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment dwar l-istat dizastruz li jinsab il-Fosos ta' Sant Anna. Ghalkemm ingibditlu l-attenzjoni lill-Kuntrattur Wilson Mifsud, xorta ma sarx sewwa. Is-Sindku ppropona li il-Kunsill ghandu jerga jkellmu biex il-Fosos irid jinkines kollu.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland tkellem dwar il-hinijiet tal-ufficcju fejn il-Kunsill qabel li fil-perjodu li impjagata tal-Kunsill se tkun assenti ghall-ammont ta' granet, il-Kunsill il-hinijiet tal-ftuh.

3.11.1 Is-Sindku Nigel Holland sostna li hu kien kontra dan u jhoss li f'dawn il-granet naqas is-servizz lill-pubbliku. Huwa qal li din id-decizjoni qatt ma kellha tittiehed ghax tnaqqas hafna l-operat tal-ufficcju u f'sitwazzjonijiet simili fil-passat il-Kunsill baqa jopera bl-istess hinijiet.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza dwar bins fejn it-Torri ta Wignacourt. Is-Sindku spjega li hemmhekk kien hemm bins li kienu tnehhew u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu javvicina lid-Direttur tal-Public Cleansing sabiex dawn il-bins jergghu jitwahhlu.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Ministeru tat-Turizmu rigward itenerarju ta lokaitajiet f'Malta, fostom dik tal-Floriana, ghal ragunijiet ta promozzjoni tal-pajjiz. Huwa irrimarkra li din mhu ha tinvolvi l-ebda flus. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni sabiex jippartecipa

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Gazetta il-Furjana fejn qed jaghmlu talba finanzjarja biex tinhareg harga specjali tal-Gazetta li tkun mahruga flimkien mal-Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minhabba l-istat finanzjarju li l-Kunsill ghadu jinsab fih.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-Transport Malta rigward talba ghal-rampa quddiem residenza fi Triq l-Argotti. Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li ir-rampa trid tkun ma genb ir reserved parking bay li hemm quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jkellem lir-resident biex jara ezatt x'inhuma l-bzonnijiet tieghu ghal din it-talba.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland staqsa lill-kunsiller Edward Torpiano jekk iridx jissieheb fl-iskema tas-Sahha tal-Impjegati u Kunsilliera. Il-Kunsillier Edward Torpiano wiegeb li jrid jissieheb fl-iskema.

3.17 IS-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Nigel Camilleri tal-NNG Promotions fejn spjega li hemm il-possibilita li jmexxi d-data tal-kuncert ta Joseph Calleja sabiex il-palk jinqa armat fuq il-Fosos anki ghall-kuncert ta' wara.

3.17.1 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-applikant ma jistax ikollu booking miftuh ghall-palk ghall- zewg attivitajiet fuq tul ta' granet.

**F'dan l-istadju tal-laqgha il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

3.17.2 Il-Kunsill Nigel Holland ippropona li ghandu jintalab dati cari tal-applikazzjoni ghall-palk ghaz-zewg kuncerti u ghandu l-Kunsill ghandu jsostni li jinghata twegiba ta' dan fi zmien 24 siegha .Fin- nuqqas t' dan il-Kunsill mhux se jkun f'posizzjoni li jaccetta din it-talba.

**F'dan l-istadju tal-laqgha irritorna l-Vici Sindku Matthew Paris**

**Il-Kunsillliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata**.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Stephen Vaughan fejn qed iressaq talba sabiex juza l-car park tal-Fosos sabiex issir attivita tal-Wold Championship fis-26 ta' Lulju 2013

3.18.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jinghata l-permess lil Stephen Vaughan minhabba li hu ressaq talba ufficjali.

3.18.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill ghandu jistenna li jinghata r-risposta minghand l-NNG sabiex ikun stabilit ezatt liema dati huma mitluba ghall-kuncerti.

**F'dan l-istadju tal-laqgha irritornat l-kunsilliera Davina Sammut Hili**

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korripondenza minghand is-Sur Josie Brincat rigward Triq il-Kappuccini fejn gie mitlub Traffic Count.

3.19.1 IL-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat rapprezentant tieghu sabiex jiehu traffic count fi Triq il-Kappuccini. Il-Kunsill qabel.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Carmel Farrugia fejn talab li jkun imgedded il-ftehim li ghandu prezentament mal-Kunsill ghall-uzu tal-picc sintetiku ghal sitt xhur ohra. Minhabba li ma kien l-ebda lment rigward dan, il-Kunsill approva li jiggeded il-perjodu ghall-6 xhur ohra.

3.21 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il- Klabb Bocci Floriana fejn qed jitolbu lill-Kunsill jiffinanzja parti mill-manutenzjoni tal-picc tal-bocci. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel talba lill-Good Causes Funds u lill-Kunsill Malti ghall-iSport sabiex jaraw jistghu jikkolaboraw.

3.22 Is-Sindku Nigel Holland ressaq l-applikazzjoni ghall-Laqgha tas-Sindki. Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jistax jattendi. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ser jattendi fil-31 ta' Mejju 2013 mal-mara tieghu, imma ser ihallas huwa personalment tas-mara tieghu. Il-Kunsill qabel li johrog il-pagament kollu u il-Vici Sindku Matthew Paris jirrifondi id-differenza

3.23 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Pierre Azzopardi dwar kont tad-dawl tan-Nicca fit-Telgha tal-Kurcifiss fejn qed isostni li wara li twahhlet Information Panel tal-Kunsill mal-istess fergha, il-kont tad dawl gie hafna ghola.

3.23.1 F'din il-korripondenza huwa talab lill-Kunsill ihallas pati minn dan il-kont tad-dawl filwaqt li saqsa jekk il-Kunsill jixtieqxli n-Nicca taqa' that ir-responasabbilita tal-Kunsill.

3.23.2 Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jiccekja min tah l-awtorita' li jiehu hsieb in-nicca sabiex jevalwa l-kaz, u kollox isir skond il-proceduri

3.24 Rigward il-Haddiem mannwali li ser ikun assenjat mal-Kunsill, is-Sindku staqsa jekk din kinitx giet sospiza minhabba li din kienet spiza mill-fondi tal-Kunsill fiz-zmien fejn is-sitwazzjoni finanzjarja mhijiex daqshekk tajba. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din ma gietx sospiza minhabba li kienet approvata mill-maggoranza tal-Kunsill.

## 4.0 <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili resqet ilment dwar rimi ta' skart minn Blokk 2, Bini tal-Gvern, Triq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li minhabba li biex jintbaghat warden iharrek, dan ghandu jaqbad li-resident jarmi fil-fatt, il-Kunsill ghandu jaghmel rapport lill-pulizija sabiex jinvestigaw.

4.2 IL-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni li l-Furnar fi Triq l-Isqof Mauro Caruana kien ghamel xi madum fuq in-naha ta'barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghatlu ittra biex dawn

jitnehhew fi zmien sebat ijiem. Fin-Nuqqas ta’ dan il-Kunsill ser jiehu passi ghas-spejjez tieghu.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkelmet dwar il-kaz tas-Sinjura li toqghod fl-inhawi ta’ Gnien Vilhena fejn din qed tbati konsegwenzi minhabba tip ta sigra selvagga li hemm fl-inhawi. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li l-Kunsill qed jistenna l-fondi sabiex f’parti mill-progett din is-sigra tkun eliminata. Sadanittant il-kunsilliera Davina Sammut Hili issugeriet li din ghandha tinqata u tinharaq. Il-Kunsillier Vibce Borg qal li meta darba kienet saret b’dal mod kien hemm spiza ta’ elfejn ewro. Ghakhekk il-Kunsill qabel li ghandha tinqata mill-haddiema tal-Kunsill sabiex din il-problema tkun solvuta temporanjament.

4.4 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar 2 bankijiet zejda li saru minn Anton Zarb. Huwa staqsa jekk il-Kunsill hux f’posizzjoni li jixtri dawn il-bankijiet. Il-Kunsill qabel li minhabba li m’hemmx fondi allokati ghalihom, dawn m’ghandhomx jinzammu.

**F’dan l-istadju l-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat**.

4.5 Il-Kunsillier Vince Borg informa li l-aplikazzjonijiet ghall-iskola ta’ Justin Haber ser jittellaw mas-season li jmiss. Huwa nforma li cirkolari ghall-applikanti harget u kien hemm iktar minn 4 applikanti u ghalhekk ghandhom ittellaw bil-polza.

4.6 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru fil-bini tal-gvern. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan ix-xoghlijiet waqfu minhabba li kien hemm assenjat Bord gdid. Meta l-fondi jigu konfermati, ghandhom jittellghu l-Amministraturi tal-blokkijiet bil-polza biex isiru x-xoghlijiet.

**F’dan l-istadju tal-laqgha, irritorna l-Kunsillier Edward Torpiano**.

## 5.0 <u>Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

5.1 Is-Sindku Nigel Holland pprezenta l-minuti tas-sottokumitati Indafa u Ambjent

5.2 Il- Vici Sindku Matthew Paris ressaq kumment rigward l-ittra li ser tintbaghat lill Middlesea rigward il-planters, fejn huwa sostna li l-Middlesea kienu qalu li ser jirrangaw l-area kollha. Is-Sindku sostna li ghandu jsir kuntatt mas-sottokumitat rigward dan

5.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ipprezenta l-minuti tal-laqghat li saru mar-residenti ta Triq ilKapuccini u Triq San publju/Triq Mauro Caruana.

## 6.0 <u>Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill</u>

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wara li ngibdet l-attenzjoni fir-rapporti tal-awditur kien hemm ikla tal-gemellaggi li ma kinitx inkluza u rridu naghmlu korrezzjoni fuqha sabiex tintbaghat lid- Dipartiment. Ghalhekk gie ipprezentat ir-Rapport aggustat.

6.2 Il-Kunsill Approva dan ir-rapport

## 7.0 <u>Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

**<u>F’dan l-istadju tal-laqgha, is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat</u>**

**<u>Ipproceda l-laqgha l-Vici Sindku Matthew Paris</u>**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 80-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar il-procedura ta’ kif qed johorgu l-hlasijiet tal-kontijiet pendenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-pagamenti qed johorgu skond id-dati.

7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li fil-pagament tas-Subsistence Allowance numru 11315 li inghata lis-Sindku, intnefqu biss €72 u ghaldaqstant l-ammont zejjed se jigu rifonduti.

**F’dan l-istadju tal-laqgha attendew is-Sindku Nigel Hollad u l-kunsillier Edward Torpiano**

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem dwar pagament numru 164 lil KDF Ltd. Huwa qal li certifikat tal-perit ghall-dawk ix-xoghlijiet kien ghadu ma wasalx. Ghalhekk ser jghaddi parti biss mill-pagament. Il-kuntrattur talab li meta jasal il-certifikat tal-perit jinghata il-kumplament tal-pagament. Il-kunsill approva.

7.5 Rigward 7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ried jaghmilha cara li hu ma ressaq ebda difiza fil-konfront tal-kumpanija KDF Ltd. Izda hu qal li rridu nimxu bl-istess mod ma kulhadd.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li xoghlijiet fuq il-letrini tal-KGV kellhom ikunu lesti sat-30 ta’ April 2013, izda x-xoghlijiet kienu ghadhom ghaddejin sat- 2 ta’ Mejju.

7.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li minhabba li l-1 ta Mejju kienet festa, dan m’ghandux fuq dik nil-gurnata, izda ghandu jehel multa ta’ 5% fuq gurnata wahda biss

7.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li ghandu jehel fuq jumejn.

7.9 Tressaq vot favur il-multa ta 5% minhabba dewmien ta’ gurnata fuq iz-zmien stipulat.

Favur: 4 (MP,DSH,VB,ET)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

7.10 Wara mozzjoni mressqa mill- Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11315 sa 11316 u minn 156 sa 165, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, MP,VB, DSH, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.11 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni imressqa

## 9.0 Allokazzjoni Finanzjarja 2013

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni rigward tnaqqis fl-allokazzjoni, meta il-Gvern kien habbar zieda fil-vot allokat lill-Kunsilli. Is-Sindku Nigel Holland issugerixx li l-Kunsill ghandu jsejjah laqgha mal-Ezekuttiv tal-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli lokali . Il-Kunsill qabel.

## 10.0 Arblu f'nofs Triq Sant Anna

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi staqsa s-Segretarju Ezekuttiv jekk kinitx saret ir-ricerka rigward l-arblu li kienu hadmulna tal-garaxx tal-gvern. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien inhareg cekk ta depositu u li ssaraf fl-2006.

**F'dan l-istadju tal-laqgha l-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

10.2 Il-Kunsill qabel li l-arblu ghandu jerga jitla u ghaoldaqstant is-Sindku Nigel Holland issugerixxa li ghandom jigu ikkuntattjati l-MSD sabiex il-Kunsill jivverifika x'sar minn dan id-depositu u minn dan l-arblu.

**Il-Vici Sindku Matthew Paris irritorna fil-laqgha**

## 11.0 Twaqqif tal-Kumitat Civiku Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn spega li l-iskop ta' dan il-Kumitat huwa li jkollna Assoccjazzjoni tar-residenti barra l-Floriana. Dan il-Kumitat ikollu l-funzjoni li jiddiskuti materji li mhux necessarjament jaqghu taht il-Kunsill. Huwa l-kumitat Civiku li jiddeciedi jekk ikunx hemm osservatur minn naha tal-kunsill. Il-Kunsill qabel li jibda dan il-kumitat, imma li ma jehux hsiebu hu.

## 12.0 Tindif u Manutenzjoni fil-letrini pubblici

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li fir-rigward tal-lettrini pubblici, anki jekk il-kuntrattur inaddaf il-letrini kuljum filghodu xorta jista jkun li jithammgu matul il-gurnata. Huwa sostna li letrini minghajr attendent ma jista qatt ikun nadif il-hin kollu.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill qed jonfoq ammont ta' flus fil-manutenzjoni ta' dawn il-lettrini u ghaldaqstant ghandu jara x'inhuma l-proceduri sabiex il-Kunsill igib attendent mill-ETC. Il-Kunsill qabel.

12.3 Il-Kunsillier Vince Borg ppropona li tinghata default notice lill-kuntrattur minhabba li kien hemm rapport minn Dipartiment tal-Gvern, li letrini tal-Bombi kienu ghadhom miftuhin fil-

11.30pm. Il-Kunsill qabel.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland issugerixxa li ghandu jitlob formalment il-Cleansing Department sabiex ir-responsabilita ta dawn il-letrini tghaddi f'idejn dan id-Dipartiment.

12.5 Il-kunsillier Vince Borg gibed l-attenzjoni li l-funtani ma kinux mimlija. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kuntrattur taz-zamma tal-Funtani kien infurmah u hu kien halli nota sabiex ikun ikkuntattjat il-kuntrattur li jaghmel il-provvista tal-ilma.

12.5.1 Is-Segretarju irrimarka li din is-sistema tista tohloq inefficenzja sakem il-messagg jasal. Ghaldastant il-Kunsill qabel, li inl-kuntrattur ghandu jiehu hsieb jikkoordina hu.

## 13.0 Bye-Law dwar uzu ta' art pubblika

13.1 Is-Sidku fetah id-diskussjoni billi pprezenta bye-law mahruga mill-Kunsill tal-Marsa li tintuza sabiex tiggenera ftit fondi.

13.2 Is-Sindku irrimakra li wiehed jista jaddotta xi punti minnha. Ghadaqstant talab is-segretarju ezekuttiv sabiex jiccirkola kopja taghha ghall-evalwazzjoni tal-kunsilliera,

13.3 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss sabiex tigi diskussa.

## 14.0 Tenders Godda:

### a. Knis ta Toroq u Ftuh ta culverts

14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-tender tal-Knis u l-ftuh ta' culverts se jigu ccirkolati ghas-suggerimenti tal-Kunsilliera, minhabba li dan ser jiskada fil-futur qarib

### b. Gbir ta Bulky Refuse

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li t-tender tal-Knis u l-ftuh ta' culverts se jigu ccirkolati ghas-suggerimenti tal-Kunsill minhabba li dan ser jiskada fil-futur qarib

## 15.0 Bookbox

15.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ippropona li l-Bookbox ghandha tinxtara. Wara li huwa li ccekja mal-kumpanija privata GO plc fejn infurmawh li m'ghandomx biex jiprovdu wahda. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha ssir min-naha tal-Kunsill. Nel frattemp il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghandu jiltaqa mal-Kunsillier Vince Borg sabiex jaraw fejn ha tigi allokata din il-Bookbox.

## 16.0 Memos Interni

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lil Vici Sindku Matthew Paris sabiex jiftah id-diskuzzjoni dwar di il-materja, fejn huwa kien irrimark li l-Kunsill ghandu jsib metodu jew procedura iktar konkreta dwar il-memos interni.

16.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss

16.1.2 Nelfrattemp huwa sostna li hu ghadu jzomm l-istess posizzjoni li kellu fl-ahhar laqgha tal-Kunsill.

16.2 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni il-lista tal-memos (sa memos numru 114-06, hekk kif gew ivvutati mill-Kunsilliera.

16.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11315 sa 11316 u minn 156 sa 165, bir-rizultat:

Favur: 4 (DSH, ET, NH, MP,VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 17.0 NYE + Christmas Village

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn ippropona li ghal-din l-attivita ghandu jkun hemm proposta ghall-postijiet differenti fil-lokalita'.

17.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostnew li jekk l-attivita ser tinvolvi l-finanzi, il-Kunsill mhuwiex f'posizzjoni li jorganizza din l-attivita.

17.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghandha tinhareg Expression of Interest li d-data tal-eghluq tkun dik tas-7 ta' Gunju 2013. Il-Kunsill qabel

## 18.0 Laqghat Pubblici Triq Triq (MP)

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn informa lill-Kunsill li se jibqa ghaddej b'dawn il-laqghat pubblici triq triq minhabba li kienu effettivi.

18.2 Il-Vici Sindku ressaq ukoll kopja tal-minuti tal-laqghat li saru.

## 19.0 Sport Awards

19.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkelmet dwar din il-materja fejn ipproponiet li l-Kunsill jaghmel attivita ta' Sport Awards li bhala hemm wahda simili organizza mill-Assoccjazzjoni Sports Floriana. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jinghata dan l-Award, minhabba li diga isir mill-Assocjazjoni Sports Floriana

## 20.0 Courses Godda

20.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn infurmat lill-Kunsill li l-fondi mill-KMS sabiex isiru l-korsijiet tal-aerobics kienu approvati.

20.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsill li l-instructor ghal dawn il-korsijiet kienu provduti mill-KMS u ghandhom jibdew wara s-Sajf.

## 21.0 Gnien il-Mall

21.1 Il-Kunsillier Vince Borg tkellem dwar din il-materja fejn irrimarka li l-Mall ghandu jigi devolut lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ghanda tinzamm laqgha mal-ministru Responsabbli sabiex terga tigi diskussa din il-materja

## 22.0 Assemblea Generali Furjaniza

22.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li d-dettalji dwar din il-materja ghandhom jinghataw fil-laqgha li jmiss.

## 23.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

23.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li x-xoghol fuq il-Bankini ta' Balzunetta ma jistax jitkompla minhabba li l-kuntrattur infurmah li qed jistenna pagament mill-Kunsill Lokali.

23.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li rigward il-kwistjoni tal-qatran, mar fuq il-post mal-entitajiet involuti sabiex jivverifikaw ix-xoghlijiet. Wara li l-perita m'approvatx dawn ix-xoghlijiet , ix-xoghol inqala u rega sar.

23.3 Rigward l-ilment mir-residenti dwar riha ta dranagg, il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu avvicina lill-kuntrattur tal-Kunsill fejn dan infurmah li hu m'ghandux x'jaqsam f'din il-problema tad-drenagg.

23.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi tkelmet ma' tas-Sanita fejn infurmawha li din ma taqax taht ir-responsabilita taghhom.

23.5 Il-Kunsill qabel li ghandha tissejjah laqgha mal-entitajiet koncernati biex jintlahaq ftehim sabiex tissolva din l-problema.

## 24.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta' l-Art Mekkanizzat

24.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li il-Festival Nazzjonali tal-Loghob taN-Nar tal-Art Mekkanizzat 2013 kien success.

24.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ppropona li ghandha tintbaghat ittra ta ringrazzjament lil-Chris Micallef.

24.3 Is-Sindku Nigel Holland sostna li ghandha tinhareg is-sejha ghas-sena Ii jmiss.

## 25.0 Housing Fil-Floriana

25.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li huwa semgha li hemm pjan li f'din iz-zona jitpoggew l-imhazen tal-Karnival. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan il-pjan, ghalhekk ghandu jivverifika.

## 26 Aġġornament tal-laqgħa

30.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 10 ta Gunju fil-5.00pm

Il-laqgha ntemmet fid-21.15.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |